KUNSILL LOKALI PAOLA
Casal Paola, Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knsija,
Paola PLA1075 - Malta
Tel: 21664066 Fax: 216635666

23 ta' Frar 2011

Ref: 5/54/194/11

**Minuti tal-Laqgha Nru. 54**

Il-kunsill iltaqa' fl-Ufficini Amministrattivi, fi Gnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar it-Tlieta 22 ta' Frar 2011. Il-laqgha bdiet fis-6.00pm. Ghal-laqgha kienu prezenti s-Sindku Dominic Grima, il-Kunsillier Seychell, il-Kunsillier Dalli, il-Kunsillier Lynch u l-Kunsillier Mark Anthony Ferris. Il-Vici Sindku Alfred Borg u l-Kunsillier Borg Myatt kien skuzati.

Kien hemm prezenti wkoll is-Segretarju Kevin Borg u l-iSkrivana Alison Panzavecchia.

Is-Sindku Dominic Grima ppressjeda din il-laqgha.

1) **Approvazzjoni tal-Minuti**

**Minuti tal-Laqgha Nru. 53**

**1.1** – Dawn il-Minuti gew approvati mill-membri tal-Kunsill nem com.

2) **Korrispondenza**

**2.1** – **Ittra minn Paola Hibernians Football Nursery**. Is-Sur Victor Ellul talab il-permess tal-Kunsill biex tinbena l-istrixxa art (hamrija) li hemm fuq il-lemin tal-*clubhouse* li bhalissa taqa' f'idejn il-Kunsill. Il-membri tal-Kunsill approvaw.

**2.2** – Saret diskussjoni biex Triq il-Foss, Triq Nazzarenu u Triq Hal Saflieni isiru *one-way*, u biex isiru *sleeping policeman* fi Triq il-Palma u fi Triq Tax-Xewk, hdejn Smash TV. Il-membri tal-Kunsill approvaw li tintbaghat ittra lil TM ghall-permessi.

**2.3** - Is-Segratarju reggha ressaq it-talba tal-Kuntrattur Elton J. Zammit biex jinghata l-10% varjazjoni fuq it-tender tal-Gbir ta' l-iskart, wara li ha l-parir ta' l-Avukat tal-Kunsill fejn dan qallu li jistgha jinghata jekk il-Kunsill jaccett ir-ragunijiet provduti.

Il-Kunsill iddiskuta l-fatt li l-ispejjes tal-Kuntrattur vera gholew specjalment dak tad-diesel u ghalhekk unanimament iddecidew li jinghata l-varjazjoni ta' 10%.

3) **Tenders**

**3.1** – Il-Kunsillier Dalli staqsa fuq it-tender tal-bandli Gnien Pawlu Boffa. Is-Segretarju qal li l-Perit tal-Kunsill qed jahdem fuq din it-tender.

**3.2** – Saret diskussjoni biex jinhareg Tender ta' CCTV Cameras. Gie deciz li jinhareg t-tender ta' CCTV Cameras fi Gnien Pawlu Boffa, u fuq iz-Zuntier tal Knisja ta' St.Ubaldeska.

**3.3** – Is-Segretarju pprezenta u qara r-rapport tal-Bord dwar it-tender tal-*Cleaning and Maintenance of Parks and Gardens and Soft Areas.*

**3.4** - Wara li saret diskussjoni, il-Kunsillier Seychell ressaq din il-mozzjoni u giet issekondata mill-Kunsillier Ferris.

"Wara li inqara u sema' r-rapport, jipproponi li jaghzel lil ELC , minhabba li t-track record u professjonalita tal Kumpanija ELC kif ukoll li bhala prezz m'hemmx xi differenza sostanzjali.

Din il-mozzjoni giet approvata mill-membri kollha tal-Kunsill nem com.

**4) Approvazzjoni Rapport Finanzjarju**

**4.1** – Is-Segretarju qal li l-accountant ma setax jattendi ghal din il-laqgha u ghalhekk hu ressaq ir-rapport finanzjarju ghall-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-membri approvaw dan ir-rapport finanzjarju.

**4.2** – Is-Segretarju qal li l-Kunsill ghandu surplus ta'€ 120,000.

**4.3** – Il-Kunsillier Dalli ppropona li la l-Kunsill ghandu s-surplus, nduru l-bankini mkissrin kollha ta' madwar ir-rahal u namluhom. Hu zied jghid li jixtieq li dan il-punt jigi diskuss fl-laqgha ohra.

**4.4** – Saret diskussjoni fejn gie deciz li ssir il-bankina fi Triq Haz-Zabbar ('l parti fejn hem mil-hanut Wellus, Debabriele etc.)

**5) Green MT**

**5.1** – Is-Sindku ppropona li naghmlu laqgha mal-Green MT biex jigi diskuss l-kuntratt maghhom u naraw x'sar u jekk giex attwat.

**5.2** – Il-Kunsillier Dalli qal li l-ewwel il-Kunsilliera jridu jaraw il-kuntratt biex kulhadd jaghti l-kummenti tieghu dwar dan u mbaghad wara ssir il-laqgha mal-Green MT.

**6) Pagamenti**

**6.1** – Is-Segretarju ressaq il-lista tal-pagamenti.

**6.2** – Re cekk nru 3465: Il-Kunsillier Dalli staqsa dwar dan il-pagament. Is-Segretarju spjega li dan il-pagament huwa ta' l-appell tas-Sur Karl De Flavia dwar it-tender tal-Bulky Refuse.

**6.3** – Re cekk nru 3460: Il-Kunsillier Dalli staqsa fuq dan il-pagament. Is-Segretarju qal la dan il-pagament huwa tal-magna ta' l-ilma.

**6.4** – Re cekk nru 3484: Il-Kunsillier Dalli staqsa x'inhu dan il-pagament. Is-Segretarju spjega li dan huwa l-ilma ghal funtana.

**6.5** – Re cekk nru 3457: Il-Kunsillier Lynch staqsa dwar dan il-pagament. Is-Segretarju spjega li dan il-pagament huwa ta' l-irrangar tat-trailer ta' wara l-van.

**6.6** – Re cekk nru 3475: Il-Kunsillier Dalli qal li ma xtaqx li jsir l-advert bid-dettalji tal-Kunsill fuq il-yellow pages. Gie deciz li darb'ohra, dan r-reklam ma jsirx.

Is-Sindku qal li gab zewg quoatations tal-hadid (poggaman) tal-latrina tal-Pjazza.

Il-membri tal-Kunsill qabblu li tintaghzel il-quoatation ta' Ardrob ghall-ammont ta' € 955 + VAT.

Is-Sindku qal li lbierah kien hemm laqgha mal-GRTU. Hu zied jghid li din kienet it-tieni laqgha maghhom dwar il-progett tar-riforma tal-Pjazza Antoine De Paule.

Il-Kunsillier Dalli qal li ntbaghtet ittra mill-Kunsill lis-sidien tal-hwienet u lir-residenti tal-pjazza bil-proposti tal-Kunsill u tat-TM. Hu zied jghid li skond l-ittra ta' TM, ghada ser jibda x-xoghol.

Il-Kunsillier Dalli qal li ghada ghandna laqgha' ma' TM fil-11.00am u jekk nindunaw li beda xi-xoghol fil-Pjazza, ma mmorrux il-laqgha u naghmlu l-Mandat tal-Qorti mill-ewwel.

Il-membri tal-Kunsill qabblu li jekk jibda x-xoghol minghajr il-kunsens tal-Kunsill, isir l-Mandat tal-Qorti mill-ewwel.

Il-Kunsillier Dalli tkellem dwar il-vot ta' l-edukazzjoni tat-TCTC peress li ser jorganizza xi korsijiet tat-tfal u tal-kbar.

Hu qal ukoll li ltaqa' mal-Kap ta' l-Iskola Primarja biex jitkellmu dwar il-proposta biex issir il-*walking bus*.

Hu zied jghid li tkellem mal-Kap ta' l-Iskola wkoll dwar il-*homework* biex isiru korsijiet ta' ghajnuna ghal dwak it-tfal li ma jsibux ghajnuna biex jaghmlu l-homework.

Il-Kunsillier Ferris qal li fit-8 ta' Marzu 2011, nhar Jum il-Mara, il-Hibs Volleyball Club ser jaghmlu attivita' u xtaqu li l-kunsill jghinhom. Il-membri tal-Kunsill qabblu li l-kunsill jghinhom fil-pubblicita' ta' din l-attivita'.

Il-Kunsillier Ferris qal li dakinhar ta' l-attivita', il-Kunsill huwa kollhu mistieden biex jattendi fis-7.30pm il-Padiljun tal-Hibs. Hu zied jghid li dakinhar ikun hemm tat-TV (il-media).

**7) Aggornament**

Il-Laqgha giet maghluqa fis-7.30pm u aggornata ghal nhar it-Tlieta 8 ta' Marzu 2011 fis-6.00pm.

Kevin Borg

Segretarju

Dominic Grima

Sindku